MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Rikors Numru. 65/2008

**Francis Caruana (ID 768756M), Mary Mercieca (ID 879650M), Agnes Cardona (ID 147277M, Clinton Caruana (ID 2555M), Claire Hinter (ID 262683M), Maria Caruana (ID 381786M), Doris Zammit (ID 233462M), Anna Sciberras (ID 552263M) u Giovanna Caruana (ID 371226M).**

**vs**

**Arthur Vella (ID 833057M)**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur:

Illi huma jikru lill-intimat Arthur Vella l-garage numru 57 Triq il-Lunzjata San Gwann versu l-kera ta' €559.05 gia Lm240 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem;

Illi dan il-garage kien inkera ghal skopijiet ta' parkeggjar ta' vettura privata;

U peress illi l-intimat naqas li jhallas il-kirjiet relattivi ghall-iskadenzi li ghalqu fl-1 ta' Jannar 2008 u fl-1 ta' Lulju 2008;

U peress illi l-intimat naqas li jhallas l-istess kirjiet dovuta nonostante li huwa kien gie interpellat ghal kull skadenza li ghalqet;

U peress illi r-rikorrenti ghandhom bzonn dan il-garage ghall-uzu personali taghhom;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu ghar-ragunijiet fuq esposti jordna l-izgumbrament tal-intimat mill-garage in kwistjoni fi zmien qasir u perentorju ffissat minn dan l-istess Bord u kwindi jawtorizza lill-esponenti jirriprendu l-pussess liberu u vakanti ta' dan l-istess garage fl-istess zmien ordnat minn dan il-Bord

Semgha l-provi;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi f'din il-kawza, l-intimat debitament notifikat b'dawn il-proceduri naqas milli jidher kif ukoll milli jirregistra opposizzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk dawn il-konsiderazzjoniet huma bazati fuq il-fatti kif esposti mir-rikorrenti;

Din hija kawza ghal ripresa ta' fond konsistenti f'garage mikri ghall-parkeggjar ta' vettura privata bazata fuq zewg kawzali u cioe' l-wahda fuq morizita' fil-hlas tal-kera ui l-ohra fuq htiega tal-istess fond ghall-uzu personali tas-sidien. L-intimat kien interpellat skond il-ligi sabiex ihallas kull skadenza tal-kera u kienu esebiti kopja tal-ittra interpellatorji in sostenn ta' dan. Francis Caruana xehed illi kemm il-darba interpella lill-kerrej intimat sabiex ihallas

l-ammonti dovuti izda baqa' inadempjenti. Jirrizulta mil-kopja tal-ittra esebiti illi l-intimat kien mitlub ihallas mhux biss il-kera dovuta ta' dik l-iskadenza izda ukoll l-ammont totali tal-arretrati. Ghalhekk jirrizulta sodisfatt ir-rekwizit tal-ligi kif ravvizat fl-artikolu 9(a) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta kwantu l-ewwel premessa tar-rikorrenti. Ghalhekk ukoll il-Bord jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba bazata fuq it-tieni premessa tal-htiega tal-fond.

Ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba u qiehed jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-fond deskritt fir-rikors promutur u dan fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------